

Brussell, 30 ta' Settembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0053 (COD)

8353/1/25
REV 1 ADD 1

TRANS 153
CODEC 493
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li tiġi adottata DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-liċenzji tas-sewqan, li temenda r-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 383/2012

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fid-29 ta' Settembru 2025

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta għal reviżjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan, ir-raba' riforma ta' din id-Direttiva. Il-proposta kienet parti mill-inizjattivi REFIT tal-Kummissjoni u mill-"pakkett dwar is-sikurezza fit-toroq".
2. Il-Kunsill qabel dwar Approċċ Ġenerali fl-4 ta' Diċembru 2023¹.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-28 ta' Frar 2024. Is-Sa Jutta PAULUS (Ħodor/AHE, DE) inħatret bħala relatur għall-għaxar leġislatura tal-Parlament.
4. In-negozjati bdew bl-ewwel trilogu fit-22 ta' Ottubru 2024, segwit minn trilogi fil-11 ta' Diċembru 2024 u fit-18 ta' Frar 2025. Waqt ir-raba' trilogu tal-24 ta' Marzu 2025, in-negozjaturi laħqu qbil politiku.
5. Fit-30 ta' April 2025, il-COREPER analizza t-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil u kkonfermah.
6. Fl-14 ta' Mejju 2025, il-President tal-Kumitat TRAN bagħtet ittra lill-President tal-COREPER li tikkonferma li, jekk il-Kunsill japprova t-test maqbul fl-ewwel qari, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari tiegħu.

II. OBJETTIV

7. L-objettivi ġenerali tal-proposta huma li tkompli tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u li jiġi ffaċilitat il-moviment liberu taċ-ċittadini fl-UE. Il-komponenti ewlenin tar-riforma b'appoġġ għal dawn l-objettivi huma:
 - a. l-introduzzjoni ta' liċenzja tas-sewqan "mobbli" (jiġifieri diġitali),
 - b. pass lejn l-armonizzazzjoni tal-proċessi ta' skrinjar mediku applikati fl-Istati Membri,

¹ 6345/23.

- c. skema għal sewqan akkumpanjat, b'liċenzja mill-età ta' 17-il sena,
- d. perjodu ta' prova għal sewwieqa ġodda,
- e. kwota tal-piż li tikkonċerna l-massa massima mgħobbija ta' karożżi tal-passiġġieri, kompletament elettriċi,
- f. aċċess aktar faċli għal liċenzji ta' ċittadini li jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor, u evalwazzjoni ċentralizzata tal-qafas tat-trasport bit-triq ta' pajjiż terz, fid-dawl tal-iskambji ta' liċenzji tas-sewqan fi Stat Membru, u
- g. aġġornament tar-rekwiżiti tat-test għall-kisba ta' liċenzja tas-sewqan u tar-rekwiżiti minimi tal-idoneità tas-sewwieq li jsuq.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

1. Kuntest proċedurali

- 8. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bl-għan li jaqblu dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, bir-riżultat ta' qbil bikri fit-tieni qari. It-test tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġislaturi.

2. Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin

- 9. Wara qbil bejn il-koleġislaturi, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar id-diversi elementi ta' riforma elenkati fil-punt 7, hija din li ġejja:
- 10. Għad-dħul gradwali tal-liċenzja tas-sewqan mobbli (l-Artikoli 3 u 5), iż-żewġ istituzzjonijiet sabu kompromess dwar l-iskeda ta' żmien u dwar is-salvagwardji għaċ-ċittadini li jippreferu d-dokument fiżiku jew li jeħtieġu wieħed aktar tard, pereżempju għas-sewqan f'pajjiżi terzi. Il-Kunsill qabel ukoll dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data.

11. Il-Kunsill fil-biċċa l-kbira żamm il-pożizzjoni tiegħu mill-approċċ ġenerali dwar id-deskrizzjoni tar-reqwiziti minimi għall-iskrinjar tal-idoneità fiżika u mentali għas-sewqan qabel il-ħruġ u t-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan, abbażi ta' sistemi differenti li żviluppaw fl-Istati Membri (l-Artikolu 11). Mal-ewwel ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan, l-applikant irid jaġġmel eżami mediku jew, għall-kategoriji ta' muturi u karożżi tal-passiġġieri, jimpla awtovalutazzjoni. Għażla alternattiva għall-monitoraġġ tal-idoneità wara l-ewwel ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan għall-muturi jew għall-karożżi tal-passiġġieri hija li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ sistema nazzjonali li tiżgura reazzjoni għal bidliet sinifikanti fl-idoneità fiżika jew mentali. Il-Kunsill aċċetta diversi żidiet mill-Parlament li huma kompatibbli ma' dan l-approċċ.
12. In-negozjati dwar l-iskema ta' sewqan akkumpanjat għal sewwieqa ta' 17-il sena kienu marbuta ma' diskussjoni aktar ġenerali dwar l-etajiet minimi u s-sewqan professjonali. Il-Kunsill, minn naħa waħda, żamm il-pożizzjoni tiegħu mill-approċċ ġenerali li l-iskema ta' sewqan akkumpanjat għal vetturi heavy-duty għandha tibqa' volontarja, b'rikonossiment reċiproku u awtomatiku bejn il-fruntieri. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill aċċetta elenkar aktar koerenti tal-etajiet minimi eżistenti fl-Artikolu 7 u allinjament tal-etajiet minimi għall-kategoriji ta' xarabanks akbar wara li jinkiseb ċertifikat ta' kompetenza professjonali, soġġett għal salvagwardja li tikkonċerna sewwieqa ta' bejn il-21 u t-23 sena (l-Artikolu 27 tad-Direttiva).
13. Rigward il-perjodu ta' prova għal sewwieqa ġodda (l-Artikolu 18), il-Kunsill aċċetta diversi dispożizzjonijiet li jiddeskrivu l-miżuri tal-Istati Membri biex itejbu s-sikurezza fit-toroq f'dan il-grupp, kif ukoll referenza għal politiki ta' tolleranza żero applikati mill-Istati Membri. Il-Kunsill żamm il-pożizzjoni tiegħu li l-kundizzjonijiet armonizzati għal sewwieqa ġodda m'għandhomx jirriżultaw f'regolamentazzjoni tal-imġiba tas-sewwieqa fil-livell tal-Unjoni, li hija kompetenza tal-Istati Membri.
14. Fir-rigward tal-limitazzjonijiet tal-piż għal kull kategorija ta' liċenzja għal vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi (l-Artikolu 9 (2)(j)), il-Kunsill żamm il-pożizzjoni tiegħu, b'allinjament mal-proposta tal-Kummissjoni, iżda aċċetta l-possibbiltà li jiżdied trejler (soġġett għal taħriġ jekk il-piż globali jaqbeż l-4 250 kg), u ekwivalenza għal karożżi tal-passiġġieri li jaħdmu bi fjuwil alternattiv marbuta ma' trejler tqil (il-kategorija BE; l-Artikolu 9 (2)(j)), kif ukoll iż-żmien ta' traspożizzjoni iqsar ta' sentejn (l-Artikolu 29 (2)). Il-Kummissjoni aċċettat li tirrieżamina d-dispożizzjonijiet skont l-avvanzi teknoloġiċi.

15. In-negozjati dwar il-limiti tal-piż koprew aspetti addizzjonali li l-Parlament kien iffoka fuqhom biex tizzied il-flessibbiltà f'każijiet speċjali (l-Artikoli 6, 7, 9). Il-Kunsill, li diġà ppreveda flessibbiltà għall-karavans fl-approċċ ġenerali tiegħu, qabel li jippermetti, fil-kategorija B, karavan bi trejler sa piż ikkombinat ta' 5 000 kg, soġġett għal taħriġ jew ittestjar addizzjonali għas-sewwieqa. Il-kwota ta' piż tal-Kunsill fil-kategorija B għall-ambulanzi ġiet amalgamata f'sett usa' ta' regoli għall-vetturi ta' emerġenza. Filwaqt li l-Kunsill aċċetta aktar flessibbiltà fir-rigward tal-piż massimu (sa 5 000 kg) u l-etajiet minimi fil-kategoriji B u C, il-Parlament aċċetta li s-sewqan b'piż addizzjonali huwa soġġett għal test jew taħriġ u li r-regoli huma miżuri nazzjonali, li huma soġġetti għal rikonossiment reċiproku. Il-Kunsill aċċetta wkoll il-flessibbiltà li jinstaq xarabanks vojta b'liċenzja tal-kategorija C biex isiru testijiet tal-affidabbiltà stradali madwar ċentri tal-ittestjar u ħwienet tat-tiswija (l-Artikolu 9(5)).
16. Il-Kunsill resaq lejn il-pożizzjoni tal-Parlament u tal-Kummissjoni billi ppermetta aktar flessibbiltà fl-għażla tal-post tat-test għal min jiġi eżaminat għas-sewqan ta' karożżi tal-passiġġieri, sabiex jingħelbu l-ostakli tal-lingwa wara li jkun mar f' Stat Membru ieħor (l-Artikolu 20(4)). Biex ikun hemm moviment mingħajr xkiel taċ-ċittadini bejn fruntiera u oħra, il-Kunsill aċċetta wkoll li meta jkun hemm skambju jew sostituzzjoni ta' liċenzja tas-sewqan, Artikolu ġdid (l-Artikolu 14) jiżgura li ċ-ċittadini dejjem ikunu jistgħu jagħtu prova tad-drittijiet tas-sewqan tagħhom fl-Unjoni. Rigward il-liċenzji tas-sewqan ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill u l-Parlament kellhom pożizzjonijiet simili ħafna mill-bidu nett. It-tnejn li huma qablu mal-kunċett il-ġdid ta' evalwazzjoni fil-livell tal-Unjoni tal-qafas tat-trasport bit-triq ta' pajjiżi terzi, fid-dawl tal-iskambji ta' liċenzji tas-sewqan f' Stat Membru (l-Artikolu 15). F'dan il-kuntest, il-Kunsill ma setax jaċċetta approċċ simili lejn il-kompetenza tas-sewwieqa professjonali ta' pajjiżi terzi, iżda qabel li l-Kummissjoni tingħata l-kompitu li tivvaluta l-faċilitazzjoni possibbli biex jiġu rikonossuti ċertifikati ta' kompetenza professjonali maħruġa minn pajjiżi terzi.

17. Kemm il-Parlament kif ukoll il-Kunsill żammew diversi emendi fl-Anness II dwar it-testijiet tas-sewqan u l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa. Dan jikkonċerna, pereżempju, il-progress teknoloġiku (sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieqa, sistemi ta' bbrejkjar fit-tul, użu volontarju ta' simulaturi, muturi elettriċi), enfasi addizzjonali fuq utenti tat-triq vulnerabbli (punti mhux viżibbli, inżul mill-vettura fuq in-naħa li tagħti għat-triq, attenzjoni għall-korsiji tar-roti) u s-simplifikazzjoni tal-proċess (prova tal-immaniġġar xieraq ta' vetturi bi trażmissjoni manwali). Fl-Anness III dwar l-istandards minimi ta' idoneità għas-sewqan, il-Parlament fil-biċċa l-kbira aċċetta ż-żidiet tal-Kunsill, u l-Kunsill aċċetta diversi żidiet tal-Parlament.
18. Fl-aħħar nett, il-Kunsill aċċetta, iżda b'mod aktar limitat, rekwiżiti ta' rappurtar għall-Istati Membri, li l-Kummissjoni jew il-Parlament kienu favurijhom (l-Artikolu 23). Il-Kunsill żamm il-pożizzjoni tiegħu dwar żmien ta' traspożizzjoni ġenerali ta' erba' snin (l-Artikolu 29).

IV. KONKLUŻJONI

19. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tappoġġa l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
20. Għalhekk il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba tiġi adottata, id-Direttiva l-ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan ser tkun kontribut importanti għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq u l-moviment liberu taċ-ċittadini fl-UE.